



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.12.2015
COM(2015) 621 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE skont il-programm REFIT u dwar l-
istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifaturat**

WERREJ

1. INTRODUEZZJONI	3
2. L-ISFOND.....	3
3. L-EVALWAZZJONI ESTERNA TAD-DIRETTIVA	4
3.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjoni	4
3.2 Il-metodoloġija	5
3.3 Ir-riżultati tal-evalwazzjoni	5
3.4 Ir-rispons tal-partijiet interessati dwar l-evalwazzjoni	6
4. KWISTJONIJIET LI ĦARĠU MILL-EVALWAZZJONI: ID-DEFINIZZJONIJIET ...	8
4.1 Il-funzjonament tad-definizzjonijiet attwali.....	8
4.1.1 Kriterji suġġettivi	8
4.1.2 Id-diskrepanzi bejn id-dwana u s-sisa.....	9
4.1.3 Id-Dazju Minimu tas-Sisa.....	9
4.2 In-nuqqas ta' definizzjonijiet	9
5. IL-KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EVALWAZZJONI.....	11
5.1 Il-kwalità tal-evalwazzjoni.....	11
5.2 Ir-rakkomandazzjonijiet	12
6. SEGWITU U KONKLUŻJONIJIET FINALI	14
ANNEX I. IX-XEJRIET U L-ISTATISTIKA.....	16
ANNEX I.I - IL-PREZZ MEDJU PPEŻAT TAS-SIGARETTI	18
ANNEX I.II - IL-PIŻ TAT-TAXXA FUQ IS-SIGARETTI.....	19
ANNEX I.III - L-AMMONT TA' SIGARETTI RRILAXXATI GĦALL-KONSUM	20
ANNEX I.IV – L-GĦADD TA' PAKKETTI TA' SIGARETTI GĦAL KULL ADULT.....	21
ANNEX I.V - L-AMMONT TA' TABAKK IMQATTA' FIN IRRILAXXAT GĦALL-KONSUM..	22
ANNEX I.VI – L-AMMONT TA' TABAKK IMQATTA' FIN GĦAL KULL ADULT	23
ANNEX I.VII - ID-DĦUL MIT-TAXXA.....	24
ANNEX I.VIII – ID-DĦUL MIT-TABAKK BĦALA PERĊENTWALI TAD-DĦUL TOTALI MIT-TAXXA.....	25

1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 19(1) tad-[Direttiva 2011/64/UE](#)¹, kull erba' snin il-Kummissjoni trid tissottometti rapport dwar ir-rati u l-istruttura tad-dazju tas-sisa stabbiliti f'din id-Direttiva. Dan ir-rapport irid iqis il-funzjonament xieraq tas-suq intern, il-valur reali tar-rati tad-dazju tas-sisa u l-għanijiet usa' tat-Trattat u jrid ikun ibbażat b'mod partikolari fuq l-informazzjoni li jipprovdu l-Istati Membri. Dan ir-rapport huwa wieħed minn sensiela ta' rapporti² dwar il-funzjonament tar-regoli tal-UE dwar id-dazji tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat li l-Kummissjoni ilha tissottometti sa mill-1992.

Barra minn hekk, id-Direttiva ġiet identifikata bħala waħda li trid tiġi evalwata skont il-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)³.

Dan ir-rapport jippreżenta r-risultati u l-konklużjonijiet ta' evalwazzjoni esterna li tivvaluta d-Direttiva minn dawn iż-żewġ perspettivi. Barra minn hekk, huwa jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatistiki disponibbli li rrapportaw l-Istati Membri dwar l-iżvilupp tal-Prezz Medju Ppeżat (WAP), tal-ammont tal-prodotti rrilaxxati għall-konsum, tad-dħul mit-taxxa u tal-piż tat-taxxa fuq it-tabakk manifatturat minn mindu daħlet fis-seħħ id-Direttiva fl-2011.

Għall-kuntrarju tar-rapporti ta' qabel, dan ir-rapport ma jiffokax fuq iż-żidiet fir-rati minimi tad-dazju tas-sisa stipulati mid-Direttiva 2011/64/UE. Ħafna miż-żidiet fid-dazju ġenerali minimu tas-sisa daħlu fis-seħħ biss dan l-aħħar; ċerti Stati Membri ngħataw perjodi tranżitorji u xi żidiet gradwali għad iridu jidħlu fis-seħħ⁴. Għalhekk, l-impatt ta' dawn il-miżuri ser jiġi mistħarreġ f'rapport fil-ġejjieni.

2. L-ISFOND

Id-Direttiva 2011/64/UE tistabbilixxi r-regoli tal-UE dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat. B'mod partikolari, hija tiddefinixxi u tikklassifika l-bosta prodotti tat-tabakk manifatturat koperti mid-Direttiva skont x'karatteristiċi għandhom. Anki l-istruttura tad-dazji tas-sisa għat-tipi differenti ta' prodotti hija stabbilita f'din id-Direttiva. Id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura kemm il-funzjonament xieraq tas-suq intern kif ukoll, fl-

¹ [Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE](#) tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat.

²

COM (1995) 285;
COM (1998) 320;
COM (2001) 133;
COM (2008) 460.

L-aħħar rapport tal-2008 wassal għad-Direttiva tal-Kunsill 2010/12/UE tas-16 ta' Frar 2010 li temenda d-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE u 95/59/KE dwar l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat u d-Direttiva 2008/118/KE.

³ REFIT huwa programm għar-reviżjoni tal-leġislazzjoni kollha tal-UE, sabiex jiġu identifikati piżijiet, inkonsistenzi, diskrepanzi jew miżuri ineffettivi u jsiru l-proposti meħtieġa bħala segwitu għal dak li joħroġ minn din ir-reviżjoni.

⁴ L-Artikolu 10 u l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/64/UE.

istess ħin, livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa⁵. Suq intern li jaħdem kif support jippresupponi li l-mod li bih l-Istati Membri jintaxxaw il-konsum tal-prodotti f'dan is-settur la jgħawweġ il-kompetizzjoni u lanqas ma jxekkel il-moviment liberu tagħhom fl-UE. F'dan il-kuntest, id-Direttiva għandha tiżgura li l-prodotti tat-tabakk manifatturat jiġu intaxxati kif support fl-Istat Membri tal-konsum finali tagħhom⁶. Dan huwa importanti għaliex fl-2014 id-dħul mid-dazji tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat ikkontribwixxa, kumplessivament, għal iktar minn EUR 81 biljun fil-baġits nazzjonali tal-Istati Membri.

Bil-programm REFIT, il-Kummissjoni tintrabat li tiżgura li l-liġi tal-UE tkun idonea għall-iskop tagħha u li din tilħaq l-għanijiet tagħha bl-inqas spejjeż u piżijiet possibbli.

3. L-EVALWAZZJONI ESTERNA TAD-DIRETTIVA

Sabiex jiġi evalwat il-funzjonament tad-Direttiva, id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (id-DĠ TAXUD) ikkummissjona evalwazzjoni esterna (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-evalwazzjoni") minn konsorzju stabbilit minn Ramboll Management Consulting AS, The Evaluation Partnership u Europe Economics.

Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u b'konformità mal-programm REFIT, intlaħaq qbil li l-għan tal-evalwazzjoni għandu jkun li jiġi identifikati l-possibiltajiet fejn tista' titjieb il-leġislazzjoni sabiex jonqsu l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi kemm għall-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi u sabiex jiżdied il-livell ta' konformità u ta' sigurtà fil-ġbir tad-dazji tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat. L-evalwazzjoni bdiet f'Diċembru tal-2012 u ġiet finalizzata f'Awwissu tal-2014. Grupp ta' Tmexxija msawwar minn persunal mis-Servizzi kollha rilevanti tal-Kummissjoni ssorvelja t-twettiq tal-evalwazzjoni.

Ta' min jgħid li, peress li l-evalwazzjoni ntemmet qabel ma ġew adottati l-Linji Gwida l-ġodda dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet fid-19 ta' Mejju 2015⁷, uħud mill-elementi obligatorji introdotti minn dawn il-linji gwida ma setgħux jitqiesu. L-ewwel nett, l-evalwazzjoni għabret il-fehmiet tal-partijiet interessati permezz ta' sħarriġ immirat u mhux permezz ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa. It-tieni nett, b'konformità mal-għanijiet tal-programm REFIT, l-enfasi kienet primarjament fuq kwistjonijiet marbutin mal-effikaċja u mal-effiċjenza⁸.

3.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjoni

Bħala l-ewwel pass, l-evalwazzjoni spjegat il-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, b'referenza għaż-żewġ direttivi ewlenin li jirregolaw id-dazji tas-sisa fuq

⁵ L-Artikoli 26, 113 u 168 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea](#).

⁶ Bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjoni deskritta fl-Artikolu 32 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE.

⁷ http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/toc_guide_en.htm.

⁸ Skont il-Linji Gwida l-ġodda dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, evalwazzjoni trid tivvaluta l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE.

it-tabakk manifatturat⁹. Imbagħad, l-evalwazzjoni ffokat fuq l-għoti ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet maqbulin tal-evalwazzjoni. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni huma miġburin fi gruppi skont dawn il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni, li huma elenkati fil-[paragrafu 3.3](#). L-evalwazzjoni identifikat ukoll xi kwistjonijiet li jirriżultaw minn dawn is-sejbiet li qed jitqiesu fit-[Taqsimha 4](#) ta' dan ir-rapport.

L-impatt tar-rati minimi fuq il-protezzjoni tas-saħħa ma daħalx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjoni għaliex ħafna miż-żidiet fid-dazju ġenerali minimu tas-sisa daħlu fis-seħħ biss dan l-aħħar, u dan ifisser li hemm bżonn ta' iktar żmien sabiex jiġu vvalutati dawn l-aspetti¹⁰. Barra minn hekk, diversi Stati Membri ngħataw perjodi tranżitorji li jdumu sal-31 ta' Diċembru 2017 sabiex jilħqu l-valuri minimi għas-sigaretti. Għat-tabakk għat-tipjip imqatta' fin, iż-żidiet gradwali fid-dazju ġenerali minimu tas-sisa ser iseħħu tul perjodu li se jdum għaddej sal-1 ta' Jannar 2020.

3.2 Il-metodoloġija

L-evalwazzjoni saret fi tliet fażijiet: it-tfassil, il-ġbir tad-dejta u l-analiżi. Matul il-fażi tal-ġbir tad-dejta, intbagħtu kwestjonarji kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi. 27 Stat Membru u 48 operatur ekonomiku wiegħbu l-kwestjonarji. Ingħata segwitu għat-tweġibiet li waslu permezz ta' telefonati u intervisti wiċċ imb wiċċ. Barra minn hekk, saru studji tal-każ f'seba' Stati Membri magħżulin¹¹. Waqt din il-fażi saret ukoll riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u saret ukoll analiżi tal-letteratura rilevanti. Barra minn hekk, saret ukoll analiżi kwalitattiva tal-leġiżlazzjoni, l-istudji u l-letteratura ekonomika rilevanti eżistenti, u fl-istess ħin saret analiżi tad-dejta ekonomika disponibbli.

Abbażi tat-tweġibiet li ngħataw għall-kwestjonarji, il-kuntrattur identifika kemm xi Prattiki tajbin kif ukoll xi problemi. Fit-tielet fażi, il-kuntrattur analizza u qabel it-tweġibiet differenti li ngħataw u fassal lista ta' problemi li jaffaċċjaw l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-operaturi ekonomiċi. Fl-aħħar nett, tfasslet sensiela ta' rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw il-problemi li nstabu.

3.3 Ir-riżultati tal-evalwazzjoni

3.3.1 L-arranġamenti attwali għad-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk kemm jiżguraw il-funzjonament ix-xieraq tas-suq intern u jevitaw it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni?

⁹ [Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE](#) tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat; u [d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE](#) tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar [id-Direttiva 92/12/KEE](#).

¹⁰ L-Artikolu 10 u l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/64/UE.

¹¹ Il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Greċja, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

Instab li l-implimentazzjoni tad-Dazju Minimu tas-Sisa (il-MED)¹², it-trattament inkonsistenti tas-sigaretti elettroniċi u ta' ċerti prodotti tat-tabakk manifatturat u s-sostituzzjoni bejn il-gruppi ta' prodotti u fihom ikkaġunata mit-taxxa joħolqu tgħawwiġ fis-suq intern. Għad li miżuri mhux armonizzati kontra l-antiċipazzjoni jaf iħallu effett negattiv fuq il-funzjonament ix-xieraq tas-suq intern ukoll, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jqisu li l-armonizzazzjoni f'dawn l-oqsma la hija fattibbli u lanqas ma hija mixtieqa. Minbarra dawn l-eċċezzjonijiet, l-evalwazzjoni sabet li l-istruttura u l-livell attwali tar-rati b'mod ġenerali jippermettu li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni u li l-prezzijiet jiġu ssettjati bil-libertà fis-suq intern.

Id-derogi u l-eċċezzjonijiet li din id-Direttiva tippermetti għandhom impatt limitat fuq ix-xiri transfruntier u fuq il-kummerċ illeċitu. Barra minn hekk, ma nstabet l-ebda evidenza li turi biċ-ċar li xi waħda mill-bidliet fil-livelli tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk li daħlu fis-seħħ wasslet għal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ.

3.3.2 L-arranġamenti attwali għad-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk kemm huma implimentati b'mod kosteffikaċi?

F'termini tal-ispejjeż amministrattivi u tal-konformità għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u għall-operaturi ekonomiċi, l-ikbar impatt negattiv jinholq mid-diskrepanzi bejn id-definizzjonijiet tas-sisa u l-klassifikazzjoni fin-Nomenklatura Magħquda (in-NM) għal skopijiet doganali, u l-inċertezza legali dwar it-trattament ta' ċerti prodotti (inklużi l-kontestazzjonijiet ġudizzjarji). Minkejja li l-kostijiet tal-inċertezza legali ġeneralment ikunu relattivament żgħar minħabba li dawn ta' spiss ikunu marbutin ma' prodotti niċċa, l-impatt fuq l-operatur jew fuq l-amministrazzjoni tat-taxxa tqies bħala potenzjalment sinifikanti.

3.3.3 L-arranġamenti attwali tad-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk kemm jissalvagwardjaw l-għanijiet baġitarji tal-Istati Membri?

B'mod ġenerali, id-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikoli 2 sa 5 tad-Direttiva 2011/64/UE huma effettivi biex id-dazji tas-sisa jinġabru b'mod adegwat. Għall-kuntrarju, id-definizzjonijiet mhumiex daqshekk tajbin biex ikun jista' jiġi mmonitorjat il-moviment tat-tabakk manifatturat u biex dan ikun jista' jinżamm.

3.4 Ir-rispons tal-partijiet interessati dwar l-evalwazzjoni

Il-Grupp ta' Tmexxija li kien qiegħed jissorvelja l-evalwazzjoni stieden lill-partijiet interessati jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet matul laqgħa li ġiet organizzata Brussell fis-6 ta' Ġunju 2014. L-istedina ntbagħtet lill-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-operaturi ekonomiċi u l-assoċjazzjonijiet tas-saħħa u tal-konsumaturi. Wara l-laqgħa, il-Kummissjoni rċeviet rispons bil-miktub mingħand tliet Stati Membri, mingħand ttax-il assoċjazzjoni jew federazzjoni li jirrappreżentaw lill-operaturi

¹² L-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2011/64/UE.

ekonomiċi u mingħand netwerk wieħed ta' NGOs li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa pubblika fl-Ewropa.

Il-kummenti li waslu kienu jvarjaw ħafna. B'mod ġenerali, kien hemm iktar appoġġ għas-sejbiet tal-evalwazzjoni milli għar-rakkomandazzjonijiet. Il-biċċa l-kbira mill-partijiet interessati kienu tal-fehma li r-rakkomandazzjonijiet kellhom bżonn jiġu analizzati aktar fil-fond. Minbarra l-appoġġ għal uħud mis-sejbiet, intbagħtu wkoll ħafna mistoqsijiet dwar il-metodoloġija u l-użu tad-dejta.

Kien hemm tħassib dwar ir-rappreżentanza żejda ta' wħud mill-partijiet interessati, li b'hekk tista' taffettwa s-sett kollu tad-dejta. Minn fost dawk li wiegħbu, xi wħud ġabru u ċċentralizzaw it-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet, filwaqt li oħrajn talbu lill-fergħat nazzjonali tagħhom biex iwegħbuhom b'mod individwali. Il-kuntrattur estern qies dan il-fatt u għamel l-aġġustamenti meħtieġa.

Bosta kummenti li waslu kkritikaw il-kalkolu tal-elastiċità tal-prezzijiet tad-domanda u s-suppożizzjonijiet dwar il-volum tal-kummerċ illeċitu kif ukoll l-għażla li tintuża d-dejta tal-Euromonitor. Il-kuntrattur estern żgura li fil-pubblikazzjoni finali tkun inkluża kjarifika xierqa ta' dawn il-kwistjonijiet.

Xi wħud ħassew li l-evalwazzjoni missha ffokat ukoll fuq l-aspetti tal-konsum u tat-taxxa tat-tabakk marbutin mas-saħħa. Madankollu, tqies li kien għadu kmieni wisq għal dan, minħabba li dan kien ifisser kieku li jitqies l-impatt tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-prodotti tat-tabakk](#), jiġifieri d-Direttiva 2014/40/EU¹³, li trid tiġi implimentata sa Mejju tal-2016. F'kull każ, id-Direttiva l-ġdida dwar il-prodotti tat-tabakk kien għadha ma ġietx adottata meta saret il-ħidma ewlenija għall-evalwazzjoni.

Minbarra r-rispons dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-metodoloġija tal-evalwazzjoni, intbagħat ukoll rispons dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni (ara wkoll il-[paragrafu 5.2](#)):

- xi wħud minn dawk li wiegħbu kienu tal-fehma li r-rakkomandazzjoni li jitqies l-allinjament tar-rati minimi għas-sigarri/għas-sigarri ż-żgħar ma' dawk tas-sigaretti se jkollha effett sproporzjonat;
- oħrajn ma kinux konvinti li l-inklużjoni tat-tabakk mhux maħdum fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma u l-moviment tat-tabakk manifatturat kienet se ssolvi l-problemi li nstabu;
- xi wħud ħassew li ma jkunx sew li jiġi rakkomandat li jitneħħew id-diskrepanzi bejn il-kategoriji tad-dazji tas-sisa u l-kodiċijiet tan-NM għaliex il-kodiċijiet tan-NM kienu ġew żviluppati għal skopijiet differenti;

¹³ [Id-Direttiva 2014/40/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-[Direttiva 2001/37/KE](#).

- xi wħud minn dawk li wiegħbu kienu tal-fehma li s-sigaretti elettroniċi ma għandhomx jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva attwali, iżda li għandha titqies inizzjattiva separata għal approċċ armonizzat għall-intaxxar ta' dawk il-prodotti.

4. KWISTJONIJET LI ĦARĠU MILL-EVALWAZZJONI: ID-DEFINIZZJONIJET

Wara li daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2011/64/UE, id-definizzjonijiet tas-sigaretti, tas-sigarri ż-żgħar, tas-sigarri u tat-tabakk għat-tipjip ġew emendati biex jirriflettu t-tħassib dwar in-nuqqasijiet fid-definizzjonijiet ta' qabel. Fl-evalwazzjoni tqies il-funzjonament tad-definizzjonijiet il-ġodda. L-evalwazzjoni sabet għadd ta' kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu analizzati iktar. Dawn huma elenkati fil-paragrafi li ġejjin.

4.1 Il-funzjonament tad-definizzjonijiet attwali

4.1.1 Kriterji suġġettivi

Id-definizzjonijiet attwali fihom għadd ta' espressjonijiet suġġettivi. Għalhekk, il-klassifikazzjoni tal-prodotti għal skopijiet tad-dazju tas-sisa teħtieġ ċertu ammont ta' interpretazzjoni suġġettiva. Il-partijiet interessati kkritikaw il-funzjonament tad-definizzjonijiet attwali u, b'mod partikolari, l-elementi suġġettivi. Mill-evalwazzjoni ħarġu d-diffikultajiet imniżżlin hawn taħt.

- Il-mod kif inhu miktub bħalissa l-Artikolu 5, b'mod partikolari frażijiet bħal *“impoġġi għall-bejgħ bl-immnut”* u *“jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri”*, jista' jikkawża inċertezza legali u trattament differenzjat tal-istess prodotti fl-Istati Membri.
- Id-definizzjonijiet tas-sigarri, tas-sigarri ż-żgħar u tat-tabakk għat-tipjip ma jipprovdux biżżejjed ċertezza legali għall-iskopijiet tal-klassifikazzjoni. It-trattament inkonsistenti ta' prodotti tat-tabakk manifatturat (b'mod partikolari prodotti “borderline”), jista' jwassal għal sitwazzjonijiet fiskali differenti f'kull Stat Membru. Dan jista' jxekkel il-funzjonament ix-xieraq tas-suq intern. Nofs l-Istati Membri kellhom esperjenzi bi prodotti li, fil-fehma tagħhom, kienu jirrappreżentaw tentattiv ta' użu ħażin tad-definizzjonijiet attwali sabiex dawk il-prodotti jibbenefikaw minn trattament fiskali iktar favorevoli¹⁴. Diversi operatori ekonomiċi rrapportaw li xi wħud mis-sigarri li huma iżgħar jew mis-sigarri ż-żgħar li jibbenefikaw minn rata orħos ta' dazju tas-sisa għandhom jitqiesu bħala sigaretti. Fil-fehma tagħhom, dawn il-prodotti huma sostituti diretti tas-sigaretti¹⁵.
- Id-definizzjonijiet vagi mogħtija fid-Direttiva jew in-nuqqas ta' definizzjonijiet (ara l-[paragrafu 4.2](#)) joħlqu inċertezza legali. Pereżempju, l-operaturi jistgħu jieħdu bejn saġhtejn u tmien sigħat xogħol biex jikklassifikaw prodott li lanqas biss jinvolvi

¹⁴ Ara wkoll il-paġna 57 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

¹⁵ Ara wkoll il-paġna 60 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

problemi partikularment kumplessi¹⁶. Jekk ikun hemm xi problema bil-klassifikazzjoni, dawn jispiċċaw jieħdu iktar ħin minn hekk. Għalhekk, l-inċertezza legali jista' jkollha impatt sinifikanti fuq l-operaturi individwali jew fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

4.1.2 Id-diskrepanzi bejn id-dwana u s-sisa

Bħalissa hemm fis-seħħ żewġ sistemi differenti ta' klassifikazzjoni tal-prodotti għall-iskopijiet tad-dwana u tas-sisa. B'mod partikolari, id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 5 tad-Direttiva 2011/64/UE mhumiex konsistenti għalkollox mas-sistema ta' klassifikazzjoni li hija fis-seħħ għal skopijiet doganali. Id-diskrepanzi jwasslu għal kostijiet oġhla tal-konformità kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi¹⁷. B'mod partikolari, l-operaturi ż-żgħar irrappurtaw problemi minħabba d-definizzjonijiet differenti għall-iskopijiet tad-dwana u tas-sisa li jistgħu jwasslu għal kostijiet ikbar tal-konformità għaliex dawn l-operaturi jridu jieħdu l-istess passi darbtejn għas-sistemi differenti li jużaw l-awtoritajiet. Inġenerali, 68% tal-operaturi rrapportaw li d-definizzjonijiet diverġenti jwasslu għal żieda qawwija fil-kostijiet amministrattivi, filwaqt li 4% saħansitra jaħsbu li ż-żieda hija qawwija ħafna.¹⁸

4.1.3 Id-Dazju Minimu tas-Sisa

Mill-2011 'l hawn, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jimponu MED fuq is-sigaretti. Il-fatt li ġie introdott MED lill-Istati Membri suppost kellu jagħtihom regoli ta' qafas biex jissettjaw dan l-ammont minimu bl-istess mod. Madankollu, mill-evalwazzjoni ħareġ li l-Artikolu 8(6) mhuwiex ċar u li, fil-prattika, jidher li l-implimentazzjoni tvarja minn Stat Membru għal ieħor. L-intervisti mal-Istati Membri juru li bħalissa hemm firxa ta' interpretazzjonijiet użati biex jiġi ssettjat l-MED¹⁹.

4.2 In-nuqqas ta' definizzjonijiet

Bħalissa, id-Direttiva 2011/64/UE tiddefinixxi s-sigaretti, is-sigarri ż-żgħar, is-sigarri u t-tabakk għat-tipjip.

Ċerti prodotti li mhumiex iddefiniti jistgħu jidħlu f'waħda minn dawn il-kategoriji (pereżempju t-tabakk tal-pipa tal-ilma). Xi oħrajn jista' jkun li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (ġeneralment, dan huwa l-każ għat-tabakk mhux maħdum, għal ċerti prodotti intermedji u għas-sigaretti elettroniċi). Fis-suq ta' ċerti Stati Membri hemm ukoll prodotti tat-tabakk ġodda msaħħnin li qed iwasslu għal differenzi fit-trattament tagħhom²⁰. Dawn il-prodotti tat-tabakk "li jissaħħnu imma ma jinħarqux" ivarjaw mis-

¹⁶ Ara wkoll il-paġna 163 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

¹⁷ Ara wkoll il-paġna 154 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

¹⁸ Ara wkoll il-paġna 166 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

¹⁹ Ara t-tabella 12 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

²⁰ L-evalwazzjoni ma koprietx il-prodotti "li jissaħħnu imma ma jinħarqux". Saru l-ewwel diskussjonijiet dwar it-trattament fiskali ta' dawn il-prodotti fil-[Grupp dwar it-Tabakk marbut mal-programm Fiscalis \(I-FPG 050\)](#) u waqt il-laqgħat tal-[Grupp ta' Esperti dwar it-taxxa indiretta \(I-ITEG\)](#).

sigaretti elettroniċi minħabba li fihom it-tabakk. Madankollu fihom, minflok ma t-tabakk jinħaraq, iseħħ proċess ta' tiħin (u mhux ta' kombustjoni).

Ċerti Stati Membri u operaturi ekonomiċi rrapportaw li d-definizzjonijiet attwali ma għadhomx adattati għall-iskop tagħhom, mhux biss minħabba l-iżviluppi fis-suq, iżda anki minħabba dubji dwar jekk id-definizzjonijiet attwali humiex effettivi biżżejjed biex jipprevjenu l-kummerċ illeċitu.

Filwaqt li tagħraf li l-kompitu ta' prevenzjoni tal-kummerċ illeċitu fil-prodotti tas-sisa jaqa' primarjament taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri (b'mod partikolari f'termini tal-infurzar), il-Kummissjoni xorta waħda hija tal-fehma li r-regoli tal-UE għandhom ikunu effettivi kemm jista' jkun sabiex jiġi miġġieled it-tali kummerċ. F'dawn l-aħħar snin l-UE saħħet l-isforzi tagħha f'dan il-qasam billi ffirmat il-[Protokoll biex jiġi eliminat il-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk](#) u billi adottat id-Direttiva dwar il-prodotti tat-tabakk, li fiha dispożizzjonijiet espliċiti kontra l-kummerċ illeċitu, u l-programm ta' azzjoni stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2013²¹. L-ammont ta' dazju mitluf minħabba l-kummerċ illeċitu huwa stmat li huwa ta' madwar EUR 11.1 biljun fis-sena²². Skont l-istimi li pproduċa l-kuntrattur estern, it-tnaqqis fil-kummerċ illeċitu jista' jwassal għall-irkupru potenzjali ta' EUR 6.1 biljun sa EUR 7.2 biljun ta' dazju fis-sena, wara li jkun hemm aġġustament għat-tnaqqis ikkaġunat mill-prezzijiet fil-livell tal-konsum (li jiġi stmat abbażi tal-elastiċità medja tal-prezzijiet ta' suq partikolari)²³.

Xi kwistjonijiet oħrajn li ġew identifikati kienu dawn li ġejjin:

- il-fatt li d-definizzjonijiet ma jippermettux l-użu korrett u sħiħ tas-Sistema Kompjuterizzata tal-Movimenti u tal-Kontrolli Intrakomunitarji ta' Prodotti Soġġetti għas-Sisa (l-EMCS) jew tad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju tal-informazzjoni, li lkoll jitqiesu li huma elementi ewlenin fil-ġlieda kontra l-frodi. Dan huwa kkaġunat, b'mod partikolari, mill-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-Direttiva 2011/64/UE li jeskludi ċerti prodotti minnha (bħat-tabakk mhux maħdum). Diversi Stati Membri semmew li ammont dejjem ikbar ta' tabakk mhux maħdum kien qiegħed jitneħħa miċ-ċirkwiti tal-kummerċ legali u jispiċċa f'dawk illegali jew inkella kien qed jinbiegħ direttament lill-konsumaturi finali;
- it-trattament inkonsistenti ta' għadd ta' prodotti min-naħa ta' Stati Membri differenti (pereżempju tal-prodotti intermedjarji, tat-tabakk mhux maħdum u tal-prodotti

²¹ [COM\(2013\) 324](#), Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u forom oħra ta' kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk - Strateġija komprensiva tal-UE.

²² Skont l-istimi tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF), il-kummerċ illeċitu fis-sigaretti jöhloq telf finanzjarju annwali ta' iktar minn EUR 10 biljun fil-baġits tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha (ara wkoll id-dokument COM(2013) 324).

²³ Ara wkoll il-paġna 46 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

sekondarji), għandu rwol importanti fil-kapaċità limitata tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li jissorveljaw it-tabakk manifatturat;

- L-approċċ “onnikomprensiv” tad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 iwassal għal taxa relattivament oġhla fuq il-prodotti b’karatteristiċi differenti, bħat-tabakk tal-pipa tal-ilma, meta mqabbla mat-taxxa fuq il-prodotti l-oħrajn f’din il-kategorija;
- L-esklużjoni tas-sigaretti elettroniċi mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-prodotti li fuqhom tista’ tiġi applikata s-sisa jaf ikollha implikazzjonijiet baġitarji sinifikanti fit-tul għall-Istati Membri. Ċerti Stati Membri bdew jimponu taxa nazzjonali fuq dawn il-prodotti. Maż-żmien, dan jaf ixekkel il-funzjonament ix-xieraq tas-suq intern jekk Stati Membri oħrajn jiddeċiedu li jagħmlu l-istess ħaġa b’mod li ma jkunx ikkoordinat, li jwassal għal trattament differenzjat fl-UE.

5. IL-KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EVALWAZZJONI

5.1 Il-kwalità tal-evalwazzjoni

Il-Kummissjoni stħarrġet bir-reqqa l-evalwazzjoni esterna u qieset ukoll ir-rispons li rċeviet mingħand il-partijiet interessati. Il-ħidma li għamel it-tim tal-evalwazzjoni tqieset li kienet konformi mal-istandards ta’ evalwazzjoni tal-Kummissjoni²⁴. Il-ġudizzji u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ħarġu direttament mis-sejbiet abbażi tal-evidenza miġbura. Sabiex tiġi żgurata r-robustezza tas-sejbiet, fl-evalwazzjoni ntużaw diversi metodi għall-ġbir tad-dejta, fosthom stharrġ, intervisti, riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u studji tal-każ. Il-Kummissjoni u l-partijiet interessati qiesu li din it-taħlita ta’ metodoloġiji kienet biżżejjed.

Madankollu, il-Kummissjoni taf li, sabiex jitwieġbu l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni, bilfors kellhom isiru ċerti suppożizzjonijiet minħabba nuqqas ta’ dejta jew ta’ informazzjoni. Ma kienx hemm informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji għal ċerti sejbiet, pereżempju dwar il-klassifikazzjoni doppja u l-monitoraġġ tat-tabakk mhux maħdum. Barra minn hekk, minħabba li l-evalwazzjoni ffukat fuq l-effikaċja u l-effiċjenza, il-kwistjonijiet marbutin mar-rilevanza, mal-koerenza u mal-valur miżjud tal-UE ma ġewx indirizzati fid-dettall. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni ma tkoprix l-impatti potenzjali tad-Direttiva l-ġdida dwar il-prodotti tat-tabakk, jiġifieri d-Direttiva 2014/40/UE, li mistennija tfeffetwa wkoll il-konsum tat-tabakk²⁵.

²⁴ http://ec.europa.eu/smart-regulation/evaluation/docs/standards_c_2002_5267_final_en.pdf.

²⁵ Jekk jogħġbok kun af li l-Istati Membri jeħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva sal-20 ta’ Mejju 2016.

5.2 Ir-rakkomandazzjonijiet

Abbażi tal-evidenza miġbura, dawk li għamlu l-evalwazzjoni pproponew 16-il rakkomandazzjoni sabiex jittejjeb il-funzjonament tar-regolamentazzjoni dwar id-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat.

Tabella 1 – Ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni esterna²⁶

Nu mr u	Rakkomandazzjoni
Rakkomandazzjonijiet marbutin mad-definizzjonijiet tal-prodotti tat-tabakk li fuqhom tista' tiġi applikata s-sisa	
1	Analiżi ulterjuri tal-possibbiltà li jiġu inklużi s-sigaretti elettroniċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk.
2	Analiżi ulterjuri (b'kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-kostijiet u tal-piżijiet involuti) tal-possibbiltà li jiddaħħal it-tabakk mhux maħdum fil-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ tal-prodotti tat-tabakk li fuqhom tista' tiġi applikata s-sisa u/jew li jkun hemm soluzzjonijiet alternattivi sabiex jiġi żgurat li jkun hemm monitoraġġ sistematiku tal-loġistika tat-tabakk mhux maħdum.
3	L-Artikolu 4(1)(a) għandu jinġieb f'konformità man-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda (CNEN) tal-kodiċi tan-NM 2402 10 00.
4	Fl-Artikolu 5(1)(a), il-frażi "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri" trid tiġi riveduta sabiex tonqos l-inċertezza marbuta mat-trattament tat-tabakk ipproċessat parzjalment li jinbiegħ bil-għan li jitpejjep (pereżempju "mingħajr ipproċessar ulterjuri f' maħżen tat-taxxa").
5	Fid-dawl tal-karatteristiċi differenti tat-tabakk tal-pipa tal-ilma, għandha tiġi żviluppata kategorija tat-taxxa għaliha, li tippermetti li tiġi imposta struttura b'rati xierqa.
6	Fl-Artikolu 5(1)(b), il-frażi "impoġġi għall-bejgħ bl-immnut u li jista' jiġi mpejjep" għandha tiġi riveduta billi titneħħa l-kelma "bl-immnut" mid-definizzjoni, u mbagħad għandu jsir l-istess fil-kodiċi tan-NM.
7	Analiżi ulterjuri tal-possibbiltà li t-tabakk espadut jingħata kodiċi tan-NM għalih.
8	Sabiex jitneħħew l-inkonsistenzi u l-inċertezza legali fit-trattament, analiżi ulterjuri tal-possibbiltà li tiddaħħal kategorija oħra tat-taxxa fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li għandha tinkludi l-prodotti intermedjarji li għandhom jiġu mmonitorjati permezz tal-EMCS; din il-kategorija tista' tirreferi direttament għall-kodiċijiet tan-NM applikabbli (pereżempju għat-tabakk rikostitwit, għall-iskart tat-tabakk li mhux tajjeb għat-tipjip, għat-tabakk espadut, eċċ.).
9	It-tfassil tat-tir li jiġu eliminati l-inkonsistenzi bejn il-kodiċijiet tan-NM u l-kategoriji tad-dazju tas-sisa, bi prijorità mogħtija lill-bżonn li l-prodotti li fuqhom ma tistax tiġi applikata s-sisa jkunu jaqsmu l-istess klassifikazzjoni tan-NM bħall-prodotti li fuqhom tista' tiġi applikata s-sisa u li l-prodotti li jidħlu fl-istess klassifikazzjoni tat-tariffi potenzjalment jiġu kklassifikati f'bosta kategoriji tas-sisa.
10	Fl-Artikolu 4(1), il-frażi "minħabba l-karatteristiċi tagħhom u l-aspettattivi normali tal-konsumatur, huma intiżi esklużivament għat-tipjip" għandha tiġi riveduta sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali u jiġu eliminati l-inċertezza legali u t-tilwim li jiswa ħafna flus.
Rakkomandazzjonijiet marbutin mar-rati u mal-istruttura tad-dazju tas-sisa	

²⁶ Sors: [Evalwazzjoni tar-rapport finali](#) "Study on the measuring and reducing of administrative costs for economic operators and tax authorities and obtaining in parallel a higher level of compliance and security in imposing excise duties on tobacco products" ("Studju dwar il-kejl u t-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet tat-taxxa u l-kisba b'mod parallel ta' livell ogħla ta' konformità u sigurtà meta jiġu imposti d-dazji tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk").

Nu mr u	Rakkomandazzjoni
11	Kunsiderazzjoni tal-possibbiltà li t-taxxi minimi tas-sisa fuq is-sigarri jew is-sigarri ż-żgħar jiġu allinjati ma' dawk tas-sigaretti sabiex jiġi eliminat l-inċentiv li jitqiegħdu fis-suq prodotti "borderline" li jistgħu jippruvaw jaħrabu l-ħlas tad-dazju tas-sisa ogħla.
12	Reviżjoni tal-Artikolu 7(4) u tal-Artikolu 8(6) sabiex titneħħa l-inċertezza marbuta mal-limiti imposti fuq l-MED.
Rakkomandazzjonijiet marbutin ma' suġġetti oħrajn analizzati fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni	
13	Għandu jiddaħħal messaggġ ta' korrezzjoni għad-dokument amministrattiv elettroniku (l-e-AD) sabiex jiġu kkoreġuti żbalji żgħar; madankollu, wieħed ma għandux ikun jista' jibdel dejta essenzjali bħall-kwantità, l-EPC, il-kodiċi tan-NM, eċċ.
14	Kunsiderazzjoni tal-integrazzjoni tal-EMCS nazzjonali fil-kuntest tas-sorveljanza tas-suq u għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali.
15	Il-pajjiżi ta' tranżitu għandhom jiġu informati b'mod elettroniku dwar il-movimenti li jkunu qed iseħħu fit-territorju tagħhom.
16	Kunsiderazzjoni tal-iżvilupp u r-rakkomandazzjoni ta' għodda uniformi għall-analiżi tar-riskju li għandha tintuża fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni analizzat ir-rilevanza ta' kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet u sabet li dawn li ġejjin jisthoqqlhom jitqiesu iktar:

- Ir-rakkomandazzjonijiet 4, 6, 10 u 12 jissuġġerixxu l-ħolqien ta' definizzjonijiet iktar preċiżi sabiex tonqos l-inċertezza legali u sabiex jiġu evitati approċċi differenti fl-Istati Membri differenti u t-tgħawwiġ tas-suq intern. L-indirizzar ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikollu impatt fuq il-parametri ta' ħidma ta' rakkomandazzjonijiet oħrajn u jista' jieħu prijorità.
- L-għan tar-rakkomandazzjonijiet 3 u 9 huwa li jissimplifikaw l-istruttura attwali billi jirranġaw il-kategoriji jew id-definizzjonijiet tat-tabakk manifatturat fil-leġiżlazzjoni dwar is-sisa sabiex titqies il-klassifikazzjoni għal skopijiet doganali u n-Noti ta' Spjega għan-NM korrispondenti.
- Ir-rakkomandazzjonijiet 1, 2, 5 u 8 għandhom x'jaqsmu mal-possibbiltà li jiddaħħlu kategoriji ġodda ta' prodotti sabiex jiġi ffaċilitat trattament fiskali xieraq u ekwu tal-prodotti (l-ġodda) fis-suq intern u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu monitoraġġ u kontroll xieraq.
- Ir-rakkomandazzjoni 11 għandha l-għan li tnaqqas iċ-ċirkomvenzjoni. F'dan il-kuntest, ta' min iqis li d-derogi mid-definizzjoni tas-sigarri u tas-sigarri ż-żgħar li nġataw il-Ġermanja u l-Ungerija ntemmu fil-31 ta' Diċembru 2014²⁷. Barra minn hekk, id-Direttiva attwali tagħti s-setgħa lill-Istati Membri li jindirizzaw iċ-ċirkomvenzjoni billi jżidu d-dazju tas-sisa fuq is-sigarri biss.

²⁵ L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2011/64/UE.

Qed jitqies li r-rakkomandazzjonijiet l-oħrajn jew jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni possibbli tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE jew li huma marbutin biss indirettament magħha. Dawn jinkludu:

- Ir-rakkomandazzjoni 7 u, parzjalment, ir-rakkomandazzjonijiet 6 u 9, li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni doganali u mal-kodiċijiet tan-NM korrispondenti. In-NM hija bbażata fuq in-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata (SA) b'subdiviżjonijiet Komunitarji oħrajn. Is-Sistema Armonizzata hija ġestita mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (il-WCO). Għaldaqstant, dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE. Madankollu, jista' jkun possibbli li s-sistema ta' klassifikazzjoni doganali tintuża bħala blueprint għad-definizzjonijiet tal-prodotti tat-tabakk manifatturat sabiex tonqos l-inċertezza legali. Dan jista' jiġġenera wkoll sinerġiji li potenzjalment inaqqsu l-kostijiet, li jiġu vvalutati mis-Servizzi tal-Kummissjoni.
- Ir-rakkomandazzjonijiet 13 sa 16 fihom aġġustamenti li għandhom l-għan li jtejbu s-sistema ġenerali tal-ġbir tad-dazju tas-sisa fl-Istati Membri. Għalhekk, qed jitqies li dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma iktar rilevanti għall-evalwazzjoni li għaddejja b'mod parallel bħalissa tad-[Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE](#) tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-[Direttiva 92/12/KEE](#). Il-proċess ta' evalwazzjoni ta' din id-Direttiva nbeda fl-2014 u mistenni jitlesta sal-2016.

6. SEGWITU U KONKLUŻJONIJIET FINALI

L-impożizzjoni ta' taxxi fuq il-konsum tal-prodotti, bħad-dazji tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, la għandu jwassal għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u lanqas ma għandu jxekkel il-possibbiltà li l-prodotti jiċċirkolaw liberament fl-UE f'suq intern li jaħdem kif support. Bħala parti mill-programm REFIT, din l-evalwazzjoni s'tħarrġet b'mod partikolari l-kwistjonijiet tal-effiċjenza, l-effikaċja u l-piż amministrattiv li joħorġu mid-Direttiva 2011/64/UE sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-UE fuq id-dazji tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat tissodisfa l-għanijiet tal-politika tagħha bl-inqas kost possibbli.

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni sabet li l-istruttura u l-livell attwali tar-rati b'mod ġenerali jippermettu li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni u li l-prezzijiet jiġu ssettjati bil-libertà fis-suq intern. Fl-istess ħin, is-sejbiet tal-evalwazzjoni juru li ċertu tgħawwiġ fis-suq intern jinholq permezz tal-applikazzjoni differenzjata tal-MED²⁸, tat-trattament inkonsistenti tas-sigaretti elettroniċi u ta' ċerti prodotti tat-tabakk manifatturat u tas-sostituzzjoni bejn il-gruppi ta' prodotti u fihom ikkaġunata mit-taxxa.

Fil-kuntest tal-programm REFIT, l-evalwazzjoni sabet kostijiet amministrattivi u tal-konformità żejda għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u għall-operaturi ekonomiċi. Dawn il-kostijiet ġejjin minn ċerti definizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal inċertezza legali dwar it-trattament ta' prodotti speċifiċi. Barra minn hekk, instab li l-applikazzjoni ta' definizzjonijiet differenti għall-prodotti tat-tabakk għad-dazju tas-sisa u għal skopijiet doganali toħloq ċerti

²⁸ L-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2011/64/UE.

problemi, speċjalment għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, peress li din tfixxer entrati doppji u inċertezza legali.

Fl-aħħar nett, b'ċerti eċċezzjonijiet, id-Direttiva wriet li hija effettiva u ġeneralment adattata biex tippermetti l-għbir adegwat tad-dazji tas-sisa għall-maġġoranza assoluta tal-prodotti tat-tabakk manifatturat.

Fid-dawl tas-sejbiet tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tqis x'passi jmiss jittieħdu fit-taħditiet mal-esperti mill-Istati Membri²⁹. Dawn il-passi jistgħu jinkludu reviżjoni tad-Direttiva wkoll. Reviżjoni bħal din tkun tinvolvi t-twettiq ta' konsultazzjoni pubblika u ta' Valutazzjoni tal-Impatt biex tinġabar iktar evidenza, inkluż fejn ikun possibbli, stimi kwantifikati dwar l-impatti u l-proporzjonalità tas-soluzzjonijiet li jista' jkun hemm għall-problemi li nstabu.

Barra minn hekk, sabiex jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-evalwazzjoni, fid-dawl tas-sejbiet tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tistħarreġ ukoll kif l-aħjar li jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin:

- fehim uniformi tal-applikazzjoni tal-MED;
- limitazzjoni tas-sostituzzjoni bejn il-gruppi ta' prodotti u fihom ikkaġunata mit-taxxa, fejn possibbli;
- l-għoti ta' kjarifika dwar id-definizzjonijiet armonizzati u t-trattament ta' prodotti ġodda sabiex:
 - jiġu apoġġati t-trattament konsistenti u ċ-ċarezza legali dwar il-klassifikazzjoni tal-prodotti tas-sisa fl-UE; u
 - l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmonitorjaw il-moviment u l-produzzjoni b'mod effettiv
 - jiġu evitati kostijiet amministrattivi żejda.

Meta tiddeċiedi fuq il-passi li jmiss, il-Kummissjoni se tqis kif xieraq ukoll kull rakkomandazzjoni rilevanti li jagħmel il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew.

²⁹ Bħala l-ewwel pass, fl-2015 il-Kummissjoni kienet qiegħda tiddiskuti r-rakkomandazzjonijiet fil-[Grupp dwar it-Tabakk marbut mal-programm Fiscalis \(I-FPG 050\)](#) u se tkompli tagħmel dan fl-2016 biex tqis l-opinjoni u l-esperjenzi tal-esperti mill-Istati Membri. Qiegħda ssir enfasi partikolari fuq ir-rakkomandazzjonijiet 1 u 2 (l-inklużjoni ta' prodotti oħrajn bħat-tabakk mhux maħdum u s-sigaretti elettroniċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti li fuqhom tista' tiġi applikata s-sisa).

ANNEX I. IX-XEJRIET U L-ISTATISTIKA

Wara l-aħħar reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar id-dazju tas-sisa fuq it-tabakk li saret fl-2011, ir-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat ġew emendati. Żdiedu r-rati minimi meħtieġa. Għat-tabakk għat-tipjip imqatta' fin, iddaħħlu wkoll żidiet gradwali għall-ġejjieni. L-Istati Membri ngħataw iktar flessibbiltà f'dak li għandu x'jaqşam mal-applikazzjoni tal-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa fuq is-sigaretti, u l-medda tal-komponent speċifiku żdiedet minn 5 sa 55 % tal-piż totali tat-taxxa għal 7.5 sa 76.5 % tiegħu. Barra minn hekk, iddaħħlet ukoll il-possibbiltà li jinħoloq limitu minimu tat-taxxa għas-sigaretti billi jiġi impost MED.

F'konformità mal-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2011/64/UE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/480/UE³⁰, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni kull sena lill-Kummissjoni dwar:

- ir-rati tad-dazju tas-sisa;
- il-Prezz Medju Ppeżat tal-bejgħ bl-imnut (WAP);
- id-dħul mit-taxxa; u
- l-ammont ta' tabakk manifatturat irrilaxxat għall-konsum.

L-informazzjoni li l-Istati Membri bagħtu sal-lum f'dan ir-rigward uriet dan li ġej.

II-Prezz Medju Ppeżat

Bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2011/64/UE, tħassret il-kategorija tal-prezz l-iktar popolari (MPPC) u din ħadilha postha l-WAP. Wara li ddaħħal il-WAP, inbidlet ukoll il-bażi għall-kalkolu tar-rati minimi tad-dazju tas-sisa għas-sigaretti u għat-tabakk għat-tipjip imqatta' fin. L-Anness I.I juri l-iżvilupp tal-WAP għas-sigaretti f'kull Stat Membru mill-2012 sal-2015. Ta' min jinnota li, pereżempju, il-WAP għall-2012 huwa bbażat fuq il-prezzijiet medji tas-sigaretti kollha rrilaxxati għall-konsum matul is-sena ta' qabel. Fl-Istati Membri kollha, ħlief f'Malta, il-prezz medju tas-sigaretti rrilaxxati għall-konsum fl-2014 żdied meta mqabbel ma' dak tal-2011. Jista' jkun hemm diversi raġunijiet għal dawn iż-żidiet, fosthom żieda fit-taxxa, li wkoll tista' tinfluwenza l-prezz. Il-fatturi li jixprunaw iż-żidiet fit-taxxa wkoll jistgħu jvarjaw: it-taxxi jistgħu jiżdiedu biex jiżdied id-dħul, għal raġunijiet marbutin mal-politika tas-saħħa jew biex jitħarsu r-rekwiżiti minimi Ewropej³¹.

II-piż tat-taxxa

Minn mindu ddaħħal il-WAP, l-Istati Membri jridu jirrappurtaw il-piż tat-taxxa tagħhom bħala perċentwali tiegħu (abbażi tal-prezz medju tal-prodotti rrilaxxati għall-konsum fis-sena ta' qabel). Kif wieħed jista' jara mill-Anness I.II, il-piż tat-taxxa (inkluża l-VAT) fuq is-sigaretti f'kull Stat Membru jvarja minn sena għall-oħra. Jekk jiżdied il-WAP, il-piż tat-taxxa jonqos jekk ir-rati jibqgħu l-istess. B'mod ġenerali, il-figuri juru li, fl-2015, il-piż tat-taxxa

³⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2011 dwar il-lista ta' dejta statistika li tikkonċerna l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk manifatturat li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri skont id-Direttivi tal-Kunsill 92/79/KEE u 92/80/KEE (2011/480/UE).

³¹ Il-kumpanija Europe Economics analizzat ukoll l-iżvilupp tal-prezzijiet medji tas-sigaretti abbażi tad-dejta tal-Euromonitor disponibbli bejn l-2007 u l-2012 fl-Istati Membri u din l-analiżi hija ppubblikata fil-figura 35 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.

fuq is-sigaretti fl-UE varja minn ftit inqas minn 70 % fil-Lussemburgu u fil-Latyja għal 85 % fir-Renju Unit. Madankollu, din il-figura ma tindikax l-ammont tat-taxxa³², minħabba li l-piż tat-taxxa huwa mogħti bħala perċentwali tal-WAP, li jvarja f'kull Stat Membru³³.

L-ammont ta' prodotti rrilaxxati għall-konsum u d-dħul mit-taxxa

L-ammont ta' sigaretti rrilaxxati għall-konsum naqas f'ħafna mill-Istati Membri, filwaqt li l-ammont ta' tabakk imqatta' fin irrilaxxat għall-konsum varja tul il-perjodu mill-2011 sal-2014³⁴. It-tnaqqis fl-ammont ta' sigaretti rrilaxxati għall-konsum jaf seħħ għal bosta raġunijiet, pereżempju minħabba l-projbizzjonijiet fuq ir-riklamar, il-kampanji kontra t-tipjip, il-projbizzjonijiet fuq it-tipjip f'postijiet pubbliċi, it-taxxi fuq it-tabakk u l-konsum ta' prodotti oħrajn tat-tabakk jew il-wasla ta' prodotti alternattivi fis-suq bħas-sigaretti elettroniċi jew it-Terapija ta' Sostituzzjoni tan-Nikotina. L-Annessi I.IV u I.VI juru l-għadd ta' pakketti ta' sigaretti u l-ammont ta' grammi ta' tabakk imqatta' fin irrilaxxati għall-konsum b'rabta mal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru. Dawn ma jurux il-perċentwali ta' nies li jpejpu fl-Istati Membri differenti, għaliex jista' jkun li t-tabakk manifatturat irrilaxxat għall-konsum fi Stat Membru wieħed jiġi kkunsmat minn ċittadini ta' Stati Membri oħrajn³⁵.

Id-dħul mid-dazji tas-sisa huwa l-ogħla f'dawk l-Istati Membri li għandhom l-ikbar popolazzjoni³⁶. Il-parti tad-dħul totali mit-taxxa li tikkonsisti fid-dħul mid-dazji tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat tvarja minn Stat Membru għall-ieħor³⁷.

³² Il-lista sħiħa tar-rati tad-dazju tas-sisa f'kull Stat Membru tinsab fit-[Tabelli tad-Dazju tas-Sisa għat-Tabakk Manifatturat](#).

³³ L-analiżi li għamlet il-kumpanija Europe Economics tal-ammont ta' taxxa għal kull sigarett (inkluża l-VAT) hija rrappreżentata fil-figura 23 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.


³⁴ Ara l-Annessi I.III u I.V.

³⁵ Id-dazju tas-sisa jrid jitħallas biss fl-Istat Membru tax-xiri jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2008/118/KE.


³⁶ Ara l-Anness I.VII.

³⁷ Il-kumpanija Europe Economics analizzat id-dejta dwar id-dħul mit-taxxi fuq il-konsum tat-tabakk manifatturat bejn l-2008 u l-2012 li ppubblika d-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali. Ir-riżultati ta' din l-analiżi jinsabu fil-figuri 3 sa 11 tal-[evalwazzjoni](#) tat-taxxa fuq it-tabakk.


ANNEX I.I - IL-PREZZ MEDJU PPEŻAT TAS-SIGARETTI




ANNEX I.II - IL-PIŻ TAT-TAXXA FUQ IS-SIGARETTI




ANNEX I.III - L-AMMONT TA' SIGARETTI RRILAXXATI GĦALL-KONSUM




ANNEX I.IV – L-GĦADD TA' PAKKETTI TA' SIGARETTI GĦAL KULL ADULT




ANNEX I.V - L-AMMONT TA' TABAKK IMQATTA' FIN IRRILAXXAT GĦALL-KONSUM



ANNEX I.VI – L-AMMONT TA' TABAKK IMQATTA' FIN GĦAL KULL ADULT



ANNEX I.VII - ID-DĦUL MIT-TAXXA



ANNEX I.VIII – ID-DĦUL MIT-TABAKK BĦALA PERĊENTWALI TAD-DĦUL TOTALI MIT-TAXXA

